



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' April 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0122(COD)

7044/20
ADD 1

CODEC 221
TRANS 139
SOC 179

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (l-ewwel qari) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Belġju

Il-Belġju ħa nota tar-risultati tal-ftehim proviżorju li ntlaħaq fil-11 ta' Diċembru bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-pilastru soċjali u tas-suq tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I.

Il-Belġju jilqa' t-titjib sostanzjali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera tat-trakkijiet, b'mod partikolari billi jipprojbixxi l-mistrieħ ta' kull ġimgħa fil-kabina, u billi japplika l-istazzjonar għal operazzjonijiet ta' kabotaġġ. Għandhom jintlaħqu kundizzjonijiet ekwi aħjar fil-futur, permezz tal-integrazzjoni ta' vetturi kummerċjali ħfief fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà kollu, ir-ritorn tat-trakkijiet lejn il-bażi kull tmien ġimgħat, u l-iskeda ta' żmien ambizzjuż għall-introduzzjoni ta' takografi intelliġenti ġodda li ser jippermettu infurzar aħjar tar-regoli eżistenti u dawk ġodda.

Għalhekk, il-Belġju jqis li huwa inkoeerenti li l-aċċess għas-suq jiġi ristrett ulterjorment billi jiġi impost perijodu ta' preklużjoni ta' erbat ijiem fuq il-kabotaġġ, filwaqt li fl-istess ħin l-Unjoni Ewropea ser tiżgura konverġenza soċjali 'l fuq.

Fil-fehma tagħna, il-perijodu ta' preklużjoni huwa ostaklu għall-kummerċ li jmur kontra l-ispirtu tas-suq intern, u l-effiċjenza tal-katina loġistika, peress li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jagħmluha possibbli li jiġu evitati vjaġġi vojta.

Jiddispijčina wkoll dwar l-inklużjoni ta' proposta rigward l-istazzjonar fit-tul, li la dehret fil-proposta tal-Kummissjoni u lanqas fil-ftehimiet taż-żewġ koleġislaturi, u s'issa għadha ma ġietx ivvalutata b'attenzjoni.

Minkejja l-elementi soċjali pożittivi li jinsabu fil-Pakkett, il-Belġju għalhekk se jastjeni mill-ftehim.

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija

Il-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija jesprimu tħassib serju li l-ftehim proviżorju dwar il-Pakkett dwar il-Mobbiltà I jikkontradixxi l-libertà bażika li jiġu pprovduti servizzi fis-Suq Uniku, il-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema, kif ukoll il-politiki u l-għanijiet ewlenin tal-UE dwar il-klima.

B'mod partikolari, ir-rekwiżit li l-vetturi tqal jiġu ritornati lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-anqas darba kull tmien ġimgħa jikkontradixxi l-għanijiet klimatiċi ambizzjużi tal-UE, stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Patt Ekoloġiku ġdid fil-11 ta' Diċembru 2019. Tali obbligu, jekk jiġi adottat, ser jirriżulta f'żieda konsiderevoli fl-għadd ta' vjaġġi tat-trakkijiet vojta fit-toroq Ewropej u, sussegwentement, f'żieda sostanzjali ta' emissjonijiet tas-CO₂ mis-settur tat-trasport. Dan is-settur diġà jirrappreżenta madwar kwart tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE.

Minkejja l-isforzi tagħna biex nenfasizzaw dawn il-punti u minkejja l-evidenza xjentifika minn studji dwar l-impatt ta' obbligu bħal dan fuq iż-żieda fil-vjaġġi vojta u l-emissjonijiet tas-CO₂, m'hemm l-ebda sensittività dwar l-impatt mistenni minn din id-dispożizzjoni u l-argumenti razzjonali qed jiġu miċħuda. Fl-istess ħin, għalkemm l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar teħtieġ valutazzjoni tal-impatt fil-livell tal-UE għal dawn il-miżuri kollha, għadha ma ġiet ippreżentata l-ebda valutazzjoni bħal din.

Ir-ritorn ta' vetturi lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment huwa biss eżempju wieħed ta' miżuri eċċessivament restrittivi u diskriminatorji proposti fil-Pakkett dwar il-Mobbiltà I. Aħna nikkondividu tħassib simili dwar il-limitazzjonijiet fuq il-kabotaġġ fil-forma ta' perjodu ta' preklużjoni eċċessiv. Dan il-perijodu ta' preklużjoni jammonta għal miżura protezzjonista, li ser ikollha effett pjuttost negattiv fuq is-Suq Uniku. Skont l-estimi ta' istituti ta' riċerka magħrufa, l-obbligu ta' ritorn ta' trakk kif ukoll ir-restrizzjonijiet imposti fuq operazzjonijiet ta' kabotaġġ ser jiġġeneraw miljuni ta' tunnelli addizzjonali ta' emissjonijiet ta' CO₂ kull sena.

Punt ta' tħassib prinċipali ieħor huwa li r-ritorn obligatorju tal-vettura ser ipoġġi f'pożizzjoni ta' żvantaġġ l-Istati Membri li minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom ser ikollhom diffikultajiet sostanzjali biex jipprovdu servizzi tat-trasport tat-trakkijiet fis-Suq Uniku, peress li l-vetturi tagħhom ser ikollhom ikopru distanzi ħafna akbar u jegħlbu ostakli naturali sinifikanti, speċjalment fil-każ tal-gżejjer.

Il-kompetizzjoni inġusta mill-operaturi ta' pajjiżi terzi hija wkoll fattur li ma ġiex indirizzat kif suppost. Dan huwa partikolarment inkwetanti peress li s-soluzzjoni li għandha tiġi adottata ser ikollha effetti fit-tul mhux biss fuq is-settur tat-trasport, iżda wkoll fuq l-ekonomija tal-UE kollha kemm hi.

Is-settur tat-trasport jistħoqqlu qafas legali tal-UE ġust u b'saħħtu, li jkompli jistimola l-iżvilupp tiegħu, filwaqt li jiżgura regoli realistiki u infurzabbli. Minflok dispożizzjonijiet bilanċjati u kompromess ġenwin, il-ftehim proviżorju jimponi miżuri restrittivi, sproporzjonati u protezzjonisti.

Il-Pakkett dwar il-Mobbiltà I huwa dossier kruċjali għas-Suq Uniku Ewropew, kif ukoll għas-settur tat-trasport bit-triq. Illum, aktar minn qatt qabel, jeħtieġ li nippreservaw il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku u tal-ekonomiji tal-Istati Membri kollha fl-UE filwaqt li nkunu konsistenti ma' politiki oħra tal-UE.

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija

Il-Bulgarija, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija jesprimu l-oġġezzjoni tagħhom għall-inklużjoni awtomatika tal-klawsola tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fil-ftehim politiku adottat dwar it-tliet atti legali tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I matul ir-reviżjoni teknika tat-testi mill-ġuristi-lingwisti.

Nirrikonoxxu li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità huma ta' importanza primarja għall-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-UE. Madankollu, iż-żieda ta' tali klawżola f'dan l-istadju avvanzat tal-proċess legiſlattiv mhijiex Prattika tajba iġġenerali u, fil-każ tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I, huwa partikolarment diffiċli li wieħed jaċċetta minħabba s-sensittività politika tad-dossier kollu u b'kont meħud tal-konsegwenzi fit-tul tad-dispożizzjonijiet proposti għall-funzjonament tas-settur Ewropew tat-trasport bit-triq.

B'dispijaċir, dan juri wkoll li l-proċedimenti rapidi affettwaw b'mod negattiv il-kwalità tal-leġislazzjoni adottata. Barra minn hekk, nixtiequ nissottolinjaw in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt ta' xi dispożizzjonijiet ewlenin tal-ftehim politiku. Dan il-fatt ġie rikonoxxut ukoll mill-Kummissjoni fid-Dikjarazzjoni tagħha ppreżentata fil-laqgħa tal-Coreper I fl-20 ta' Diċembru 2019, li fiha l-Kummissjoni kkonfermat li xi miżuri ma kinux parti mill-proposti tal-Kummissjoni ppreżentati fil-31 ta' Mejju 2017 u ma kinux is-suġġett ta' valutazzjoni tal-impatt.

In-nuqqas ta' analiżi bir-reqqa jimpedixxi evalwazzjoni xierqa tal-miżuri proposti fit-tliet atti legiſlattivi tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I f'termini tal-konformità taġġhom mar-regola tal-proporzjonalità.

Dikjarazzjoni mill-Estonja

L-Estonja tappoġġa bis-sħiħ l-għanijiet tal-proposti oriġinali tal-pilastru soċjali u tas-suq tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I¹, li kienu maħsuba biex iwittu t-triq lejn regoli ċari tat-trasport bit-triq. L-Estonja temmen li s-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-Unjoni Ewropea għandu jkun konformi mal-prinċipji ġenerali tas-Suq Uniku, miftuħ għall-kompetizzjoni, effiċjenti u ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. L-Estonja temmen li rekwiżiti addizzjonali ma għandhomx jimponu piż amministrattiv mhux raġonevoli fuq in-negozji jew l-awtoritajiet tas-settur pubbliku jew kunflitt mal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-klima.

Matul in-negozjati tal-Pakkett, l-Estonja adottat approċċ kostruttiv billi fittxet li tqis u tappoġġa proposti li jtejbju l-kundizzjonijiet tax-xogħol għax-xufiera, jiġġieldu kontra prattiki illegali tas-suq u jnaqqsu l-effetti negattivi fuq l-ambjent. Madankollu, in-negozjati rriżultaw fi ftehim li jqiegħed lit-trasportaturi Estonjani fi żvantaġġ kompetittiv, b'mod partikolari billi jimponi obbligu fuq l-impriżi tat-trasport bit-triq li jorganizzaw l-attività tal-flotta taġġhom b'tali mod li tiżgura li l-vetturi taġġhom jirritornaw lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment fi żmien tmien ġimgħat wara li jkun telqu minnu ("ritorn tal-obbligu tal-vettura").

Dan l-obbligu ma kienx parti mill-pakkett oriġinali. Ma ġiex soġġett għal valutazzjoni tal-impatt sostantiva, li jqajjem tħassib dwar ir-relazzjoni tiegħu mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet².

It-tieni, il-fatt li l-vetturi jirritornaw lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment jillimita ż-żona ġeografika tal-operazzjonijiet għall-impriżi tat-trasport bit-triq ta' dak l-Istat Membru u bħala tali, dan mhuwiex konformi mal-għan tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I li jiżgura kundizzjonijiet ekwi.

Id-dokumenti 9668/17 - COM(2017) 281 final; 9670/17 - COM(2017) 277 final; 9671/17 - COM(2017) 278 final.

Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet;

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32016Q0512%2801%29>

It-tielet, peress li dan l-obbligu jżid l-għadd ta' vjaġġi vojta u emissjonijiet ta' CO₂ addizzjonali, l-Estonja hija tal-pożizzjoni li dan ir-rekwiżit jikkontradixxi l-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar il-klima u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Mhuwiew konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019³.

Barra minn hekk, l-Estonja tqis li dan ir-rekwiżit huwa sproporzjonat peress li l-ftehim diġà fih miżuri għall-ġlieda kontra l-fenomeni tal-hekk imsejja 'kumpanniji fantażma'. L-obbligu tar-ritorn tal-vettura sejjer potenzjalment jinċentiva tali prattiki u, barra minn hekk, jinkoraġġixxi lill-impriżi tat-trasport bit-triq minn Stati Membri periferiċi biex jirrilokaw, u b'hekk jikkawżaw tnaqqis fl-impjiegi u d-dħul mit-taxxa.

Fl-aħħar nett, peress li l-miżura tista' potenzjalment iżżid il-volumi tat-traffiku, l-Estonja hija mħassba dwar l-impatt tagħha fuq is-sikurezza fit-toroq.

Konsegwentement, u filwaqt li terġa' tenfasizza l-appoġġ tagħha għall-oġġettivi tal-proposti oriġinali tal-pilastru soċjali u tas-suq tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I, l-Estonja jiddispijaċiha dwar l-inklużjoni fil-ftehim tal-obbligu tar-ritorn tal-vettura. Fil-kuntest deskritt hawn fuq, l-Estonja ser tivvota kontra dan il-ftehim.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija tixtieq ittenni tħassib serju dwar l-effetti tal-klima li huma ta' ħsara, ta' tfixkil għas-suq u negattivi tal-komponenti differenti tal-Ewwel Pakkett dwar il-Mobbiltà u tesprimi nuqqas ta' sodisfazzjon kbir bin-nuqqas ta' valutazzjonijiet tal-impatt xierqa u estensivi li jmorru kontra l-oġġettivi inizjali tal-Ewwel Pakkett dwar il-Mobbiltà.

³ Sezzjoni 1, paragrafu 5: *Jeħtieġ li l-leġislazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-UE jkunu konsistenti mat-twettiq tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika, u jikkontribwixxu għalih filwaqt li jiġu rrispettati kundizzjonijiet ekwi. /.../*
<https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-29-2019-INIT/en/pdf>

L-Ungerija minn dejjem uriet li hija lesta li tiġġieled il-frodi, l-abbużi u l-prattiki inġusti kif ukoll li tindirizza l-kundizzjonijiet soċjali tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq. Filwaqt li jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, għandna nevitaw kwalunkwe frammentazzjoni, protezzjoniżmu u l-impożizzjoni ta' piż amministrattiv eċċessiv għall-impriżi tat-trasport Ewropej, li joperaw b'mod ġust fis-suq intern tat-trasport bit-triq. Għalina, li jiġi ppreservat il-funzjonament effettiv tas-suq intern tagħna mhuwiex negozjabbli, peress li ser iwassal għal aktar impjegi u kompetittività għall-Ewropa fi żmien ta' tensjonijiet ekonomiċi globali li qed jiżdiedu.

Għalhekk, b'dan il-pakkett, għandna niżguraw li l-qafas legali futur tal-UE jippermetti li l-vantaġġi kompetittivi jiġu sfruttati bis-sħiħ filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-kompetizzjoni ġusta u livell adegwat ta' kundizzjonijiet tax-xogħol għax-xufiera. Pjuttost, il-ftehim finali ma jilħaqx dan il-bilanċ u jiffavorixxi approċċ wieħed biss ibbażat fuq protezzjoniżmu nazzjonali u regoli mhux infurzabbli fis-settur.

B'mod partikolari, aħna konvinti li regoli speċifiċi għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq ("lex specialis") jikkostitwixxu restrizzjoni mhux ġustifikata fuq il-libertajiet fundamentali u bħala riżultat, qed ifixxlu l-kundizzjonijiet ekwi fl-UE. Ninnutaw li l-ftehim finali jiġġustifika t-tħassib tagħna dwar il-qsim tal-kwistjoni tat-trasport bit-triq mill-emenda għad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema [Direttiva (UE) 2018/957]. B'mod partikolari, il-mudell maqsum introdott rigward l-istazzjonar tax-xufiera ma kienx parti mill-proposta tal-Kummissjoni, u bħala tali ma kienx soġġett għal valutazzjoni tal-impatt.

It-tieni nett, insibu wkoll problema kbira li l-projbizzjoni sħiħa fuq it-teħid ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa fil-kabina ma tqisx in-nuqqas ta' żoni ta' mistrieħ xierqa fl-UE b'akkomodazzjoni xierqa għax-xufiera. Għalhekk, tali projbizzjoni tikkostitwixxi dispożizzjoni tal-Unjoni, li ma tistax tiġi infurzata, li tpoġġi fid-dubju l-legalità tagħha.

It-tielet nett, fir-rigward tal-għanijiet klimatiċi tagħna, obbligu li l-vettura tirritorna lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-anqas darba kull 8 ġimgħat jikkontradixxi l-għanijiet klimatiċi ambizzjużi tal-UE li ġew ippreżentati mill-Kummissjoni Ewropea fil-Patt Ekoloġiku Ewropew fil-11 ta' Diċembru 2019. Tali miżura, jekk tiġi adottata, ser twassal għal żieda fin-numru ta' vjaġġi vojta tat-trakkijiet fit-toroq Ewropej u sussegwentement għal żieda fl-emissjonijiet ta' CO₂ li joriġinaw mis-settur tat-trasport bit-triq.

Ir-riskju li jinħoloq vantaġġ kompetittiv inġust għall-operaturi ta' pajjiżi terzi huwa wkoll fattur li ma jiġix ikkunsidrat kif xieraq fil-ftehim finali. Barra minn hekk, is-sostituzzjoni obbligatorja ta' takografi bi spejjeż għolja ġgħib magħha vantaġġ kompetittiv għat-trasportaturi ta' pajjiżi terzi, peress li d-data tal-installazzjoni ta' takografi intelliġenti għall-vetturi ta' impriża bbażata fuq l-AETR hija inċerta.

L-immodernizzar tas-settur Ewropew tat-trasport bit-triq, pedament kruċjali tal-ekonomija Ewropea huwa neċessità kemm minn aspekk soċjali kif ukoll minn dak tal-kompetittività. Dan l-għan ma jistax jintlaħaq mingħajr kunsiderazzjoni sħiħa biex jiġu ppreservati l-kisbiet u l-funzjonament tas-suq intern u mingħajr ma tittieħed azzjoni b'mod responsabbli biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi dwar il-klima.

=====